MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 410/2012

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Simon Micallef

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa` datat 10 ta' Marzu 2004 (Dok. “A”), u permezz ta' zewg skritturi privati datati 24 ta' Frar 2003 (Dok. “B”) u 21 ta' Marzu 2003 (Dok. “C”), fejn is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Simon Micallef;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Simon Micallef fis-somma ta' disgha u tletin elf, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€39,876.52),

bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Simon Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “D1 sa D4”, “E1 sa E4” u “F1 sa F5”), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta’ Marzu 2012 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u esibiti bhala Dok. “A”, “B” u “C”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Micallef

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi privati (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Simon Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici;

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenut Simon Micallef gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 22 ta’ Novembru 2011, li kopja taghha giet esibita u immarkata Dok ‘G’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet li wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u esibiti bhala Dok “A”, “B” u “C”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Micallef (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Simon Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Simon Micallef ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u tletin elf, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€39,876.52) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Simon Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D4", "E1 sa E4" u "F1 sa F5") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru 2011, u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li gie ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-lum deher l-intimat assistit minn Dr. Mark Simiana li ipprezenta nota ta' ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni ta' l-intimat, il-Qorti filwaqt li qed tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti, qed tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Simon Micallef (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Simon Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Tikkundanna lil Simon Micallef ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €39,876.52 bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Simon Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Marzu 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 22 ta’ Novembru 2011, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------